2024/898

19.3.2024

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2024/898

tat-18 ta' Marzu 2024

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 147/2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/882 tat-18 ta' Marzu 2024 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 147/2003 tas-27 ta' Jannar 2003 ([2]) dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja jirrestrinġi l-għoti ta' finanzjament, assistenza finanzjarja u assistenza teknika relatati ma' attivitajiet militari fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija inklużi fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Somalja. Huwa jirrestrinġi wkoll il-provvista lis-Somalja ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għall-manifattura ta' apparati splussivi improvviżati ("IEDs").

(2) Fl-1 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 2713 (2023). Dik ir-Riżoluzzjoni stabbiliet embargo ġenerali u sħiħ fuq il-kunsinni kollha ta' armi u tagħmir militari lil Al-Shabaab fis-Somalja, tat isem ġdid lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, introduċiet bidliet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet għall-embargo fuq l-armi u l-finanzjament, l-assistenza finanzjarja u l-assistenza teknika relatati maħsuba għal ċerti riċevituri fis-Somalja, u aġġustat il-projbizzjoni fuq il-komponenti tal-IEDs.

(3) Fl-1 ta' Diċembru 2023, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni (KSNU) 2714 (2023). Dik ir-Riżoluzzjoni neħħiet l-embargo fuq l-armi fuq ir-Repubblika Federali tas-Somalja stabbilita preċedentement taħt ir-Riżoluzzjoni 733 (1992) tal-KSNU.

(4) Fit-18 ta' Marzu 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/882, li emendat id-Deċiżjoni 2010/231/PESK ([3]) f'konformità mal-UNSCR 2713 (2023) u UNSCR 2714 (2023).

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/882 emendat ukoll it-titolu tad-Deċiżjoni 2010/231/PESK.

(6) Uħud minn dawk l-emendi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 147/2003 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 147/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu tar-Regolament (KE) Nru 147/2003 huwa sostitwit bir-"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 147/2003 tas-27 ta' Jannar 2003 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja";

([1]) ĠU L, 2024/882, 19.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/882/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 147/2003 tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja (ĠU L 24, 29.1.2003, p. 2).
([3]) ĠU L 105, 27.4.2010, p. 17.

(2) Il-punt (c) tal-Artikolu 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(c) "Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU skont ir-riżoluzzjoni 2713 (2023) dwar Al-Shabaab;';

(3) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

1. L-Artikolu 1 ma għandux japplika għall-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta', jew assistenza teknika relatata ma' attivitajiet militari fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija inklużi fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea maħsuba biss għall-appoġġ, jew l-użu minn:

(a) il-Gvern tar-Repubblika Federali tas-Somalja (GFRS), l-Armata Nazzjonali Somala (SNA), l-Aġenzija Nazzjonali tal-Intelligence u s-Sigurtà (NISA), il-Forza tal-Pulizija Nazzjonali Somala (SNPF) u l-Korp ta' Kustodja Somala;

(b) il-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Somalja (UNSOM) u l-Uffiċċju ta' Appoġġ tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Somalja (UNSOS);

(c) il-missjoni ta' Tranżizzjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (ATMIS) u l-Pajjiżi li jikkontribwixxu għat-truppi u l-pulizija tagħha, kif ukoll is-sħab strateġiċi tagħha, li joperaw biss taħt l-aħħar Kunċett Strateġiku ta' Operazzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, u f'kooperazzjoni u koordinazzjoni mal-ATMIS;

(d) l-attivitajiet ta' taħriġ u ta' appoġġ tal-Unjoni Ewropea, it-Turkija, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u l-Istati Uniti tal-Amerka, kif ukoll kwalunkwe forza oħra tal-Istat, bi ftehim dwar l-istatus tal-forzi jew memorandum ta' qbil mal-GFRS, dment li jinfurmaw lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet dwar l-eżistenza ta' tali ftehimiet.

2. B'deroga mill-Artikolu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta', jew assistenza teknika relatata ma' attivitajiet militari fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija inklużi fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea maħsuba biss għall-appoġġ ta', jew l-użu mill-Istati Membri Federali tas-Somalja u gvernijiet reġjonali jew lil kumpaniji privati tas-sigurtà liċenzjati li joperaw fis-Somalja dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija inklużi fl-Anness IV, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun irċieva notifika mill-GFRS u ma jkunx oġġezzjona għal dik l-azzjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol;

(b) fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija inklużi fl-Anness V, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet irċieva notifika minn qabel mill-GFRS għal finijiet ta' informazzjoni ħamest ijiem ta' xogħol minn qabel.

3. In-notifiki skont il-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu għandhom jinkludu:

(a) id-dettalji tal-manifattur u l-fornitur tal-armi, il-munizzjon u t-tagħmir militari, inkluż it-tip, il-lott u n-numri tas-serje;

(b) deskrizzjoni tal-armi u l-munizzjon inkluż it-tip, il-kalibru u l-kwantità;

(c) id-data u l-post proposti għall-kunsinna; u

(d) l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-unità intenzjonata għad-destinazzjoni, jew il-post intenzjonat għall-ħażna.

4. L-Artikolu 1 ma għandux japplika għall-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja jew assistenza teknika relatata ma':

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' lbies protettiv, inkluż ġkieket rinfurzati u elmi militari, esportati temporanjament lejn is-Somalja mill-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, ir-rappreżentanti tal-media, kuntratturi privati tas-sigurtà jew ħaddiema u persunal assoċjat fl-ambitu umanitarju u fil-qasam tal-iżvilupp għall-użu personali tagħhom biss;

(b) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir militari mhux letali minn Stati Membri, jew organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew subreġjonali maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv;

(c) id-dħul fil-portijiet Somali għal żjarat temporanji ta' bastimenti li jġorru armi jew tagħmir militari għal finijiet difensivi, dment li tali oġġetti jibqgħu dejjem abbord dawk il-bastimenti.";

(4) Fl-Artikolu 3c, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

'3. Qabel ma jbigħ, jesporta, iforni jew jittrasferixxi kwalunkwe oġġett fl-Anness III lis-Somalja, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-GFRS għall-għarfien tiegħu. Għandu jinnotifika wkoll lill-GFRS u lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet dwar il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment mhux aktar tard minn 15-il jum ta' xogħol wara li jseħħ il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment.

4. In-notifiki skont il-paragrafu 3 għandu jkun fihom l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż:

(a) l-iskop tal-użu tal-oġġett(i);

(b) l-utent aħħari;

(c) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

(d) il-kwantità tal-oġġetti(i); u

(e) il-post maħsub għall-ħżin tal-oġġett(i).';

(5) L-Anness III huwa sostitwit skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(6) L-Anness IV huwa sostitwit skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(7) L-Anness V huwa sostitwit f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

ANNESS I

L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS III*

Lista ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 3c

1. Tagħmir u apparat, mhux speċifikat bil-partita 3 fl-Anness IV għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK ([1]), iddiżinjat apposta biex jinizja splussivi b'mezzi elettriċi jew mhux elettriċi, (pereżempju, settijiet tal-isparar, detonaturi, tagħmir tat-tqabbid, ħabel detonanti).
2. "Teknoloġija" "meħtieġa" għall-"produzzjoni" jew l-"użu" tal-oġġetti elenkati fil-paragrafi 1 u 3. (Id-definizzjonijiet tat-termini "teknoloġija" "meħtieġa", "produzzjoni" u "użu" huma derivati mil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ([2]).)
3. Materjali splussivi, kif ġej, u taħlitiet li jkun fihom xi wieħed jew aktar minn dawn:

L-isem tas-sustanza	Numru tar-Reġistru tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi (CAS RN)	Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) ([1])
Nitrogliċerina (ħlief meta ppakkjata/ippreparata f'doži mediċinali individwali) sakemm ma tkunx komposta jew imħallta mal-"materjal enerġetiku" speċifikat minn ML8.a. jew ma' metalli f'forma ta' trab speċifikati minn ML8.c. tal-Lista Militari Komuni tal-UE	55-63-0	ex 2920 90 70
Aċidu nitriku	7697-37-2	ex 2808
Aċidu sulfuriku	7664-93-9	ex 2807

([1]) Il-kodiċijiet tan-nomenklatura jittieħdu min-Nomenklatura Magħquda kif definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1) u kif stipulat fl-Anness I tiegħu, li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, mutatis mutandis, kif emendati mil-leġiżlazzjoni sussegwenti."

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tirrevoka l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK (ĠU L 105, 27.4.2010, p. 17).

([2]) ĠU C 72, 28.2.2023, p. 2.

ANNESS II

L-Anness IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IV

Lista ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a)

1. Missili mill-art għas-sema, inklużi s-Sistemi ta' Difiża li Jinġarru mill-Bniedem kontra Attakki mill-Ajru (MANPADS).
2. Armi b'kalibru akbar minn 12,7 mm, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, u munizzjon assoċjat. (Dan ma jinkludix tagħmir li jispara r-rokits minn fuq l-ispallejn kontra t-tankijiet bħall-RPGs (granati bi propulsjoni ta' rokit) jew l-LAWs (arma ħafifa ta' kontra t-tankijiet), azzarin mingħajr imbuttatura wara l-isparatura, granati tal-azzarini, jew tagħmir li jwaddab il-granati.)
3. Busijiet b'kalibru akbar minn 82 mm u munizzjon assoċjat.
4. Armamenti ggwidati anti-tank, inklużi Missili Ggwidati Anti-tank (ATGMs) u munizzjon u komponenti speċjali ddisinjati għal dawk l-oġġetti.
5. Kargi u apparat iddisinjati jew modifikati speċifikament għall-użu militari; mini u materjal relatat; u l-fuses.
6. Strumenti ta' mira għall-armi b'kapaċità ta' viżjoni billejl, inklużi dawk termali u infraħomor, u aċċessorji.
7. Inġenji tal-ajru bi ġwienaħ fissi, bi ġwienaħ b'ġometrija varjabbli, rotor li jinklina jew bi ġwienaħ li jinklinaw, iddisinjati jew modifikati speċifikament għal użu militari.
8. "Bastimenti" u vetturi amfibi ddisinjati jew modifikati speċifikament għall-użu militari. ("Bastiment" tinkludi kwalunkwe vapur, vettura b'effett tal-wiċċ, bastiment ta' żona ta' pjan tal-ilma żgħir jew aliskaf u l-buq jew parti tal-buq ta' bastiment.)
9. Vetturi tal-ajru għall-ġlied bla ekwipaġġ (elenkati bħala Kategorija IV fir-Reġistru tan-NU ta' Armi Konvenzjonali)."

ANNESS III

L-Anness V huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS V

Lista ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b)

1. Kull tip ta' arma b'kalibru sa 12,7 mm, u l-munizzjon assoċjat.
2. RPG-7s (granati bi propulsjoni ta' rokit Tip-7), LAWs (armi ħfief kontra t-tankijiet) u azzarin mingħajr imbuttatura wara l-isparatura, u munizzjon assoċjat.
3. Strumenti ta' mira għall-armi.
4. Inġenji tal-ajru bi ġwienaħ b'rotors jew ħelikopters iddisinjati jew modifikati speċifikament għall-użu militari.
5. Korazzi kontra l-balal jew ilbies protettiv, kif ġej: Korazzi kontra l-balal iebsa li jipprovdu protezzjoni ballistika sal-livell III jew aktar (NIJ 0101.06 ta' Lulju 2008) jew l-ekwivalenti nazzjonali.
6. Vetturi ta' fuq l-art iddisinjati jew modifikati speċifikament għall-użu militari.
7. Tagħmir ta' komunikazzjoni ddisinjat jew immodifikat speċifikament għall-użu militari."